**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN Citta' Beland

Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 08/14 | tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013 | |
| **Data** | 17/07/2014 fis-6.45pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi-Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | | Amanda Abela | Preżenti mis-7.15pm |
| | | Joan Agius | Preżenti |
| | | Claude Camilleri | Preżenti |
| | | Raymond Caruana | Preżenti |
| | | Sean Chircop | Preżenti |
| | | Stephania Fenech | Preżenti |
| | | Joseph Hales | Preżenti |

**Preżenti wkoll**

Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistent Prinċipal Caroline Schembri
Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Christabel Carabott

**1.** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 08. 1. 1 | | Proponent:<br>Sekondant: | Il-Minuti 07/14 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet: | |
| | 07.2.4 | Minflok quddiem Ta' Ganza, tidħol 'Triq Anġlu Gatt'. | | |
| | 07.3.4 | Jitneħħa t-titlu kollu u jidħlu l-kliem bus shelters. | | |
| | 07.3.5 | Jiżdiedu l-kliem ' u car wash f'Misraħ is-Suq'. | | |
| | 07.9.8 | Tinqata l-aħħar sentenza kollha. | | |
| 08. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**08. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 08. 2. 1 | 07.2.1 | Caruana: Sleeping policeman fi Triq Lvant | Il-Kunsillier Caruana ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-isleeping policeman li saret fi Triq Lvant kellha issir iktar 'l fuq. Is-Sindku spjega li ser issir oħra. | Sindku |
| 08. 2. 2 | 07.2.2 | Agius: Ħlas Frankie Mifsud | Il-Kunsilliera Agius spjegat li dwar il-ħlas ta' Frankie Mifsud, il-każ għadu pendenti. | Sindku<br>Agius |
| 08. 2. 3 | 07.2.3 | Agius: Servizz ta' Ġbir ta' Ħġieġ | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li kull ilment dwar is-servizz ta' ġbir ta' ħġieġ għandu jintbagħat bil-miktub. Min-naħa l-oħra l-Kunsill innota li ma kienx hemm ilmenti fil-ġabra li saret fl-ewwel ġimgħa ta' Lulju. | Agius |
| 08. 2. 4 | 07.2.7 | Camilleri: Żviluppi - Ċanċu Supreme | Camilleri staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar it-taħdidiet li kien hemm fir-rigward tal-każ ta' Ċanċu Supreme. Is-Sindku spjega li tkellem mas-Sur Michael Falzon tal-Lands Dept. fejn dan qal li hemm problemi ta' permessi tal-Mepa minħabba l-ODZ. | Sindku |
| 08. 2. 5 | 07.2.15 | Hales: Siġra mejta ħdejn il-Knisja ta' San Girgor | Hales irraporta li l-permess tal-MEPA ħareġ. | Hales |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 08. 2. 6 | 07.2.18 | Bus shelters | Hales irraporta li baqa ma sema xejn mingħand TM. Il-Kunsill innota wkoll PQ fil-korrispondenza fejn ġew approvati 47 bus shelters madwar Malta iżda ma kienx hemm approvazzjoni għal dawk fiż-Żejtun. | Hales |
| 08. 2. 7 | 07.2.21 | Dog Litter Bins | Hales irraporta li nħarġet sejħa għal kwotazzjonijiet. | Hales |
| 08. 2. 8 | 07.2.22 | Chircop: Trasport Pubbliku High Secondary Naxxar | Il-Kunsillier Chircop staqsa jekk kienx hemm risposta dwar it-trasport pubbliku għal Higher Secondary. Hales irraporta li għadna bla risposta. | Hales |
| 08. 2. 9 | 07.2.24 | Chircop: Grupp Letterarju | Il-Kunsillier Chircop irraporta l-attivita' li saret mill-Grupp Letterarju fejn għaliha kien hemm attendenza tajba. Inħareġ ktejjeb bis-siltiet li inqraw dakinhar ta' l-attivita'. | Chircop |
| 08. 2. 10 | 07.2.25 | Viċi-Sindku: Attivita' L-Aħħar Ħbit | Il-Viċi-Sindku staqsiet kemm il-Kunsill ingħata flus mill-Gvern Ċentrali għal din l-attivita' filwaqt li l-Kunsillier Hales staqsa min ikkontribwixxa. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ħa €5,000 filwaqt li kienu ż-Żwieten stess li kkontribwew volontarjament, id-DLG, l-NGO Fondazzjoni Folklor u Artiġjanat, il-Ministeru tal-Kultura u l-MTA.<br>**Fuq proposta tal-Kunsillier Hales, issekondata mill-Kunsillier Camilleri, il-Kunsill qabel li joħroġ 50% li ta l-Gvern Ċentrali, jiġifieri €2,500.** Dan ser ikun is-sehem tal-Kunsill. Xi kunsilliera talbu sabiex isir rendikont ta' l-attivita'.<br>Il-Kunsilliera Fenech staqsiet min huma n-nies ta' l-NGO u kif is-Sur Michael Cumbo ma ġiex avviċinat biex jifforma parti mill-NGO. Is-Sindku spjega li s-Sur Cumbo huwa membru fl-NGO, ġie mistieden u attenda għall-attivita. Għal din l-attivita' huwa ma ġiex avviċinat peress li għal din l-attivita kienet rikjesta għana tal-fatt.<br>Is-Sindku spjega wkoll li hemm pjanijiet ġodda għas-sena d-dieħla.<br>**Il-Kunsill qabel nem.com li l-pubblikazzjoni li saret għal din l-attivita titqassam lill-istudenti tas-sitt sena primarja.** | Sindku<br>Chircop |
| 08. 2. 11 | 07.2.32 | Viċi-Sindku: Żviluppi dwar *zebra crossing* fi Triq l-Isqof E. Galea | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk ġiex ikkuntattjat il-Perit. Is-Segretarjat spjega li ġew ikkuntattjati TM. Il-Kunsill irid jagħmel tajjeb għall-ispiża tal-Perit peress li trid titħejja *site plan* għal kull applikazzjoni ta' *zebra crossing*. Is-Sindku talab għall-appuntament mal-Perit ta' TM, Audrey Testaferrata de Noto. | Sindku |
| 08. 2. 12 | 07.3.6 | Agius: Attivita' Gaffiero Productions | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li l-attivita' ta' Gaffiero Productions, ser issir fit-3 ta' Awwissu u mhux kif tħabbar fil-laqgħa ta' qabel. | Agius |
| 08. 2. 13 | 07.3.7 | *Reserved Parking - Lotto Office* fi Triq A Cachia Zammit | Hales irraporta li dawn ħallsu ta' l-ispejjeż relatati. | Hales |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 08. 2. 14 | 07.6.2 | Tindif fi Ġnien l-Għannejja Żwieten | Hales irraporta li dan sar. | Hales |
| 08. 2. 15 | 07.7.1 | Viċi-Sindku: Impjegat ġdid Daniel Bezzina | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk ġiex avviċinat l-impjegat il-ġdid bid-deċiżjoni tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kien hemm qbil bejn iż-żewġ partijiet li t-3 xhur li ġejjin ser ikunu bi prova. | Sindku<br>Segretarju Eżekuttiv |
| 08. 2. 16 | 07.9.1 | Christabel Carabott: Attendenza - Kunsill taż-Żgħażagħ | L-Ambaxxatriċi ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li għal-laqgħa tal-Kunsill tal-lum attenda membru tal-Kunsill taż-Żgħażagħ. Hija żiedet tgħid li membri oħra xtaqu jattendu iżda sfortunatament kellhom impjenji oħra.<br><br>Hija rrapurtat ukoll li qed jaħdmu bħala social group. Il-Kunsill ta permess sabiex il-Kunsill taż-Żgħażagħ jaħdem għall-attivitajiet. | |
| 08. 2. 17 | 07.9.2 | Chircop: *Facebook* | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li l-ismijiet tal-membri tal-Kunsill taż-Żgħżagħ ġew imtellgħin fuq il-~~facebook~~. website | Chircop |
| [illegible] 2. 18 | 07.9.4 | Abela: *Patching* | Il-Kunsilliera Abela irringrazzjat lill-Kunsill għal *patching* li sar fi Triq Dun Spir Grixti filwaqt li reġgħet fakkret dwar il-*patching* li kellu jsir quddiem nru. 145 fi Triq President Anton Buttiġieġ filwaqt li l-Viċi-Sindku fakkret dwar *patching* quddiem 323/339 fl-istess triq. | Sindku |
| 08. 2. 19 | 07.9.5 | Abela: Xogħlijiet f'Ta' Ganza | Abela staqsiet dwar ix-xogħlijiet li kellhom isiru fi Blokk G f'Qasam Ta' Ganza. Is-Sindku spjega li x-xogħol ta' aluminium mhux ser isir iżda it-tarġa ser issir. | Sindku<br>Agius |
| 08. 2. 20 | 07.9.7 | Suffit tal-Latrina Pubblika f'Misraħ ir-Repubblika | Hales irraporta li x-xogħol għadu ma nbedix. | Hales |
| 08. 2. 21 | 07.9.8 | Chircop: Grupp Filatelija | Chircop informa lill-Kunsill li għalkemm kellu jerġa jipprintja l-bolol, dawn spiċċaw. B'kollox ġew printjati 400 bolla kif ukoll kartolini. Is-Sindku faħħar ix-xogħol li sar. | Chircop |
| 08. 2. 22 | 07.9.9 | Chircop: Premju Frans Sammut | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li saret sottomissjoni għal premju Frans Sammut. | Chircop |
| 08. 2. 23 | 07.9.15 | Litter bins fiċ-Ċentru | Hales qal li trid tinsab l-għamla li tkun adattata mal-inħawi, kif ukoll il-fondi. | Hales |
| 08. 2. 24 | 07.9.16 | Chircop: Manutenzjoni tal-magħsar taż-żebbuġ | Il-Kunsillier Chircop ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-manutenzjoni tal-magħsar taż-żebbuġ għadha ma saritx. | Sindku |
| 08. 2. 25 | 07.9.18 | Agius: Tfal Jadottaw Anzjan | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li dawk it-tfal li qed jipparteċipaw fil-proġett Tfal Jadottaw Anzjan, kantaw waqt iż-żjara li l-Onor Justine Caruana għamlet fid-Dar ta' l-Anzjani fl-20 ta' Ġunju. | Agius |
| | | | Il-Kunsill innota li l-ammont ta' Żwieten fid-Dar ta' l-Anzjani naqas. Għaldaqstant, **il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-Onor. Justine Caruana sabiex iż-Żwieten jingħataw preferenza sabiex jidħlu f'din id-Dar.** | Viċi-Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 08. 2. 26 | 07.9.23 | Viċi-Sindku: *Update* dwar il-Knis | Il-Viċi-Sindku talbet *update* dwar il-knis. Hales spjega li sar progress. Dan peress li kien hemm żieda ta' ħaddiem ieħor. Dan qed jiswa €300 kull ġimgħa għal sitt ġimgħat. **Il-Kunsill qabel li qabel l-attivita Żejt iż-Żejtun, jerġa' jinġieb kennies *extra*.** | Hales |

## 08. 3. Korrispondenza

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML07/14. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 3. 1 | 02 | DLG: Skart Mormi Illegament Memo 19/2014 | Is-Sindku nkariga lill-Kunsillier Hales isegwi din il-korrispondenza. | Hales |
| 08. 3. 2 | 05 | Bord tal-Governanza Lokali: Kumm Nazz Pers. B'Diżabilita' | Il-Viċi-Sindku qalet li hemm bżonn li jsiru taħdidiet sabiex ikun hemm progress ħalli l-persuni b'diżabilta' ikunu nklużi fis-soċjeta'. | |
| 08. 3. 3 | 07 | ETC: Użu tas-Sala - Lifelong Learning. | Is-Sindku nkariga lill-Kunsillier Camilleri sabiex isegwi din il-korrispondenza. | Camilleri |
| 08. 3. 4 | 12 | J. Abdilla: *Bring in sites* fi Triq Toni Zahra. | Il-Kunsill innota l-korrispondenza tas-Sur Abdilla u ser jikteb lill-Greenpak sabiex jinġabar l-iskart li jintefa' madwar l-*bring in sites*. | Abela<br>Segretarjat |
| 08. 3. 5 | 13 | Żejtun Red Stards - Ftehim - Arretrati tal-Kera | Is-Sindku talab sabiex jekk hu possibli jinġieb fuq il-mejda tal-Kunsill, il-ftehim preċedenti. | Sindku |
| | | | Hales staqsa dwar id-devoluzzjoni ta' biċċa art ħdejn Ġnien iż-Żgħożija. Is-Sindku spjega li l-affarijiet mexjin. | Sindku |
| 08. 3. 6 | 14 | Ombudsman: Ilma tax-xita - Propjeta' fi Sqaq San Anard | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret *on site inspection*. It-triq ma għolitx mill-Kunsill. L-isqaq għola ftit bil-*cold asphalt*. Kien hemm qbil li issir rampa iżda l-Kunsill mhux ser ikun responsabbli għal xi għargħar. | Sindku |
| 08. 3. 7 | 16 u 17 | Każ - *Double yellow lines* fi Triq Santa Katarina | Il-Kunsill innota ż-żewġ korrispondenzi u qabel li jistenna r-risposta tal-Perit Audrey Testaferrata de Noto ta' TM. | Sindku<br>Hales |
| 08. 3. 8 | 18 | Fondazzjoni Nazzarett: Użu ta' kmamar għall-attivita Folk fest | Il-Kunsilliera Fenech ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fejn kien hemm il-gym, is-sala tinsab mingħajr madum u għaldaqstant proponiet li tintuża l-kamra ta' ~~fejn kien hemm il-kenniesa~~. Is-Sindku spjega li jista' jintuża wkoll it-tribunal. | |
| 08. 3. 9 | 20 | J. Baldacchino: Permess għal *fun train* fis-Suq | **Il-Kunsill approva li s-Sur Baldacchino jġib is-small fun bus fl-1 ta' Awwissu**. Il-Kunsilliera Fenech infurmat lill-Kunsill li wara, din ser tkun ukoll f'zetabailar. | |
| 08. 3. 10 | 21 | K. Attard: Parkeġġ fiż-żona Triq Toni Zahra u l-inħawi | Is-Sindku spjega li meta d-devoluzzjoni ta' biċċa art bejn il-Ġnien u l-gym tiġi approvata, ser ikun hemm iktar postijiet għall-parkeġġ. | Sindku |

## 08. 4. Ħlasijiet

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 07/14 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 08. 4. 2 | | Tabella tal-Hlasijiet 07/14 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 07/14 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 08. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri Seduta 08/14 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 08. 4. 3 | i | PO109 | Il-Kunsilliera Fenech ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li dan mhuwiex proġett ta' l-EU iżda qed ikun iffinanzjat mill-A4U. Il-madum ser jiswa €648.37. | |
| 08. 4. 4 | | Petty Cash - Ġunju 2014 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' Ġunju hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €158.02.** | Segretarjat |

**08. 5.** **Miżura 125**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 5. 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Sqaqien Xrobb l-Għaġin 3 u 5 saru. Is-Sur Camilleri talab sabiex isir il-wiċċ ta' Triq Xrobb l-Għaġin. Is-Sindku spjega li diġa' sar tentattiv iżda hemm problema ad-drenaġġ li s'issa għadha ma ġietx solvuta. | Sindku |
| 08. 5. 2 | | | Il-Kunsilliera Agius staqsiet jekk hux ser isir il-wiċċ ta' triq fi Triq il-Labour, il-parti li tmiss man-naħa ta' fuq ta' Ġnien il-Qawsalla. Is-Sindku qal li din it-triq ser issir mill-fondi tal-Kunsill. | Sindku |

**08. 6.** **Miżura 313**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 6. 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-proġett ta' Triq Strejnu għad irid jingħalaq peress li għad trid issir l-aħħar biċċa. | Sindku |

**08. 7.** **Miżura 413**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 7. 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-proġett tlesta. Qed nistennew iċ-ċertifikazzjoni tal-Perit Chris Cachia sabiex inkunu nistgħu ndaħħlu l-claim. | Sindku |

**08. 8.** **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | |
|---|---|---|---|
| 08. 8. 1 i | Proponent: Hales | Il-Kunsillier Hales ippropona li jsiru żewġ cameras fil-latrina pubblika ta' San Girgor minħabba l-atti vandali li dawn qed iġarrbu ripetutament . Dawn għandhom ikunu monitored mill-gabbana. Hales ippropona wkoll li meta jagħlaq il-kuntratt ta' Kiosk is-Sienja, tiżdied klawsola fil-kuntratt li mill-5pm 'l quddiem, il-kerrej ikun responsabbli mill-manutenzjoni tal-latrina pubblika fl-istess Ġnien. | Hales |
| 08. 8. 1 ii | | Il-Kunsillier Caruana talab li jiżdied id-dawl fil-Ġnien. | Sindku |
| 08. 8. 1 iii | | Il-Viċi-Sindku daħlula rapporta li qed isir abbuż mid-droga f'dan il-Ġnien. | Agius |

**08. 9. Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 9. 1 | i | Sindku: Child Day Care Centre | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li issa l-Fondazzjoni tac-Child Care għandha l-permessi kollha u l-Fondazzjoni ġiet reġistrata fil-15 ta' Lulju. Is-Sindku ppropona li minn dak li jifda,l wara li jitħallsu l-ispejjeż kollha, €3,000 fix-xahar jgħaddu għand il-Kunsill. Jekk ikun anqas, il-Fondazzjoni jingħatalha nifs biex topera, iżda jekk l-operat iħalli aktar, dawn jgħaddu għand il-Kunsill. Il-Kunsillier Chircop staqsa x'jiġri jekk il-Fondazzjoni ikollha iktar flus minn din is-somma. Is-Sindku spjega li l-Fondazzjoni dejjem għandu jkollha flus għal operating expenses. Chircop staqsa ukoll x'jiġri f'każ li l-Fondazzjoni xxolji. is-Sindku spjega li jekk jiġri dan, iċ-Ċentru jaqa' f'idejn il-Kunsill. | Sindku<br>Agius |
| 08. 9. 1 | ii | | Il-Viċi-Sindku u l-Kunsilliera Abela talbu li jiġi ppreżentat breakdown bil-miktub ta' minn fejn ġiet il-figura ta' €3,000. Is-Sindku talab sabiex titqassam stima li kienet intefgħet fl-expression of interest u spjega kif wasal għal din il-figura. Il-Viċi-Sindku qalet li meta ġiet diskussa l-expression of interest, is-sena l-oħra f'Marzu 2013, hija kienet tat l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-workings u li s-Sindku kien qabel magħha fuq ċertu affarijiet. Il-Viċi-Sindku u l-Kunsilliera Abela nsistew li l-Kunsill għandu jingħata breakdown dettaljat. Is-Sindku spjega għal aktar minn darba li l-istima ta' Marzu 2013 kienet nħadmet fuq ħlas ta' €2 is-siegħa, mentri issa l-Gvern kien qed iħallas bi €3 is-siegħa. Għalhekk ma kienx diffiċli tifhem kif ġiet proposta it-€3,000 li wara kollox kienet biss stima u dan kien dħul u mhux nfiq għall-Kunsill. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 08. 9. 1 iii | | Il-Viċi-Sindku l-Kunsillier Caruana saħqu wkoll li dan l-item kellu jitpoġġa fuq l-aġenda. Is-Sindku spjega li r-reġistrazzjoni uffiċjali ħarġet ~~biss fil-15 ta' Lulju,~~ wara li kienet tqassmet l-agenda. | Kienet għaddha [illegible] |
| 08. 9. 1 iv | | Il-Kunsilliera Fenech ipproponiet li issir laqgħa oħra fil-viċin fejn fiha jiġi diskuss dan l-item biss. Is-Sindku spjega li l-laqgħa li jmiss ser tkun fil-11 ta' Settembru u li iktar ma ntawlu iktar ser idum biex iċ-Ċentru idum biex jibda jiffunzjona. | |
| 08. 9. 1 v | | **Is-Sindku talab lill-Kunsill jivvota favur jew kontra l-proposta li għamel fil-bidu tad-diskussjoni. Il-Kunsilliera ivvutaw kif ġej: Favur: Agius, Camilleri, Chircop u Hales, Kontra: Caruana Astjenew: Viċi-Sindku, Abela u Fenech.** | |
| 08. 9. 2 | Sindku: Kwotazzjoni - *Dog Litter Bins* | Is-Segretarjat ippreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill l-4 offerti li ntefgħu. Il-kumpanija Forestals preżentat ukoll *sample* tad-*dog litter bin* li pproponiet. Il-Kunsill innota li fid-*dog litter bin* propost mill-kumpanija Forestals tista' tintefa borża kbira. | Hales |
| | | Il-Kunsill innota li d-*dog litter bins* ippreżentati mill-kumpanija SR huma kif jixtieq. Għaldaqstant **il-Kunsill qabel unanimament li jagħżel l-offerta ta' SR Ltd.** | Hales |
| 08. 9. 3 | Fenech: Rapport - Sala | Il-Kunsilliera Fenech irrapurtat lill-Kunsill fhiex waslu x-xogħlijiet fuq il-madum tas-sala. Il-madum inqala fuq bażi ta' volontarjat u qed nistennew li jasal il-madum il-ġdid biex ikun jista' jitkompla u jitlesta l-proġett. Nhar is-Sibt 19 ta' Lulju ser nieħdu sehem f'*exhibition* ġewwa Buġibba ħdejn l-Aquarium. Din qed tkun organizzata mill-Aġenzija Żgħażagħ, liema aġenzija qed tagħti flus għal dan il-proġett. | Fenech |
| 08. 9. 4 | Fenech: Attivitajiet | Il-Kunsilliera Fenech irrapurtat l-attivitajiet li saru: Il-pool party u l-hike + bbq. Hija fakkret fl-attivitajiet li ser isiru f'Awissu:-zetabailar 1 ta' Awwissu, lejla taħt l-istilel 12 ta' Awwissu, taste dive fis-16 ta' Awwissu u ġurnata Kemmuna fl-20 ta' Awwissu. | Fenech |
| 08. 9. 5 | Fenech: Żebgħa Ħajt tal-Latrina | Il-Kunsilliera Fenech staqsiet jekk inżebahx il-ħajt tal-latrina ta' fejn is-suq. Ir-risposta kient fin-negattiv. | Sindku |
| 08. 9. 6 | Fenech: Resurfacing Works fi Triq E Attard Bezzina | Fenech talbet sabiex isir xi tip ta' xogħol fuq i-wiċċ ta' Triq E. Attard Bezzina. | Sindku |
| 08. 9. 7 | Fenech: Misraħ Ta' Pizzuta | Fenech staqsiet jekk kienx hemm żviluppi dwar iż-żjut li ntefgħu f'Misraħ Ta' Pizzuta. Is-Sindku spjega li dan ġie rrapurtat. | Abela |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 08. 9. 8 | Fenech: *Kee klamps* - Ġnien San Girgor | Fenech talbet sabiex issir *kee klamp* sħiħa fejn il-latrina pubblika fi Ġnien San Girgor. Il-Kunsill laqa din it-talba u ser jipprova jżid ma' dik eżistenti. | Sindku |
| 08. 9. 9 | Fenech: Proġett '*I want to ride my bicycle*' | Fenech infurmat lill-Kunsill li l-proġett '*I want to ride my bicycle*' ġie approvat. | Fenech |
| 08. 9. 10 | Abela; Triq Nikol Attard | Il-Kunsilliera Abela ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar residenza li qed jidħlilha l-ilma fi Triq Nikol Attard. | Sindku |
| 08. 9. 11 | Chircop: Laqgħa MCast | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li l-laqgħa ta' l-MCast ser issir għada 18 ta' Lulju. | Chircop |
| 08. 9. 12 | Chircop: Proġett Turistiku | Chircop informa lill-Kunsill li ser isir proġett ta' kif it-turisti iħarsu lejn iż-Żejtun. | Chircop |
| 08. 9. 13 | Fenech: Funtani | Fenech ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li mill-funtana ta' ħdejn l-iskate park ħierġa riħa tinten. | Sindku |
| 08. 9. 14 | Caruana: *Bring in site* Triq il-Qadi | Caruana informa lill-Kunsill li ħdejn il-*bring in site* ta' Triq il-Qadi u Ta' San Girgor, qed ikun hemm il-ġrieden. **Il-Kunsill qabel li jiġbed l-attenzjoni tal-Greenpak.** | Abela |
| 08. 9. 15 | Caruana: *Traffic Lines* | Caruana talab sabiex isir *referes hing* taż-żebgħa tat-traffiku fejn Casey's Confectionery fi Triq l-Isqof Emm. Galea. Hales informa lill-Kunsill li din diġa' saret. Caruana talab ukoll sabiex issir il-*give way* fid-djuq ta' Triq id-Daħla ta' San Tumas u terġa' titwaħħal mera maqlugħa fi Triq id-Daħla ta' San Tumas fejn Ġejtu. | Hales |
| 08. 9. 16 | Caruana: Treqjet il-Plejju | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex issir rampa fi Trejqet il-Plejju. Is-Sindku spjega li l-Kunsill għamel il-bankini u li r-rampa trid issir mill-Gvern Ċentrali. | Sindku |
| 08. 9. 17 | Camilleri: *Zebra crossing* fi Triq Daħla ta' San Tumas fejn il-ħanut tat-tiġieġ | Camilleri talab sabiex issir *zebra crossing* fi Triq id-Daħla ta' San Tumas fejn il-ħanut tat-tiġieġ. **Il-Kunsill qabel li din għandha titniżżel mal-lista li ser tingħata lill-Perit sabiex issir site plan.** | Sindku |
| 08. 9. 18 | Camilleri: *Street Lighting* - Triq Sciortino | Camilleri ġab quddiem il-Kunsill każ dwar lampa bil-wire maqtugħ li ma tranġax mill-ħaddiema tal-kuntrattur. | Sindku |
| 08. 9. 19 | Camilleri: Bankina | Camilleri talab sabiex titkompla biċċa bankina li hemm nieqsa fejn il-palma fi Triq l-Isqof Emm. Galea. | Sindku |
| 08. 9. 20 | Camilleri: Sprall fi Triq San Klement | Camillieri talab sabiex jingħalaq l-isprall fi Triq San Klement peress li minnu ħierġa riħa tinten. Is-Sindku qal li ser nirrapurtaw lid-Drainage Dept biex dan jiġi flaxxjat. | Hales |
| 08. 9. 21 | Camilleri: Korsijiet Edukattivi | Camilleri informa lill-Kunsill li din is-sena ma kienx hemm konkorrenza għall-korsijiet edukattivi. Infatti ser isir kors wieħed biss b'6 itfal. | Camilleri |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 08. 9. 22 | Camilleri: FES | Camilleri informa lill-Kunsill li kellna talba mill-FES sabiex isir kors ta' story telling għal tfal sa 3 snin fil-librerija. Dan il-kors hu bla ħlas u ser jibda minn għada 18 ta' Lulju. **Il-Kunsill qabel unanimament.** | Camilleri |
| 08. 9. 23 | Agius: Ħarġa Palazz tal-President | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li nhar is-Sibt 19 ta' Lulju ser issir ħarġa għall-Palazz tal-President u l-Kitchen Garden. | Agius |
| 08. 9. 24 | Agius: Boroż Ħodor | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li hemm sistema ta' kif isir it-tqassim tal-boroż il-ħodor. Hija talbet sabiex ħadd ma jaqbad u jagħti boroż mingħajr awtorizzazzjoni. | Agius |
| 08. 9. 25 | Agius: Bozza fi Triq Ġużi Abela | Il-Kunsilliera Agius irrapurtat bozza maqtugħa fi Triq Ġużi Abela quddiem ir-residenza tas-Sur Raymond Demicoli. | Segretarjat |
| 08. 9. 26 | Agius: Laqgħa parteċipanti Żejt iż-Żejtun | Agius infurmat lill-Kunsill li nhar it-Tnejn 21 ta' Lulju fis-7pm ser isir laqgħa għall-parteċipanti kollha ta' Żejt iz-Żejtun ġewwa l-Kunsill Lokali. | Agius |
| 08. 9. 27 | Viċi-Sindku: *Patching* fi Triq Sciortino Sqaq Nru 2 | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex isir xogħol ta' *patching* fi Triq Sciortino Sqaq nru. 2 | Sindku |
| 08. 9. 28 | Viċi-Sindku: Funtana Ġnien San Girgor | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex titnaddaf il-funtana ta' Ġnien San Girgor. Ikun apprezzat li din titnaddaf qabel il-Folkfest. | Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fl-10.00pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 11 ta' Settembru, 2014 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm

Sindku 11/09/2014

Segretarju Eżekuttiv